# Il-Ħadd 19.04.2015

1. Illum 19/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità**:
   - Infakkar li għandna xi qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lid-Dar Sagra Familja, Ħaż-Żabbar b'ġest ta' Karità u għajnuna tant bżonnjuża.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 20/04: Triq in-Nassaba (il-ġdida), Triq San Franġisk,<br>Sqaq San Mikiel, Triq San Ġużepp
   - It-Tlieta 21/04: Triq l-Iskola, Triq il-Menqa
   - L-Erbgħa 22/04: Triq Santa Marija, Triq il-Kenn
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 24/04: Triq il-Ħajt Ruman, Misraħ San Mattew.<br>Infakkar li qed titqassam formola sabiex timtela bid-dettalji mitluba u tinġabar lura fit-Tberik sabiex inkunu nistgħu naġġornaw l-*Istatus Animarum*, jiġifieri d-database ta' dawk kollha li joqgħodu fil-parroċċa tagħna.

3. It-Tlieta 21/04:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.

4. Il-Ħamis 23/04:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fejn ikollna Quddiesa u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa stess. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina matul din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.
   - Fit-7:45pm tiltaqa' il-Kummissjoni Familja fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5. Il-Ġimgħa 24/04: **Jibda VOC EXPLORE**<br>- Weekend Vokazzjonali organizzat mis-Seminaristi fl-Unità Parrokkjali tagħna:
   - Mill-10:30am sal-11.30am: Mument tat-talb għas-saċerdoti tal-Unità Parrokkjali<br>għand is-Sorijiet taż-Żurrieq.
   - Mis-6:00pm sas-7:00pm: Laqgħa mal-Football Nursery.
   - Mis-7.00pm sat-8:00pm: Laqgħa mal-MUSEUM.

6. Is-Sibt 25/04: **Ikompli VOC EXPLORE**:
   - Mit-8:30am sa 12:00pm: Ħin ta' Adorazzjoni fil-kappella ta' Santa Marija.<br>u mit-3:00pm sas-6:00pm.
   - Mid-9:00am sas-1:00pm: Laqgħa għall-Abbatini<br>fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonjiet fis-Seminarju.
   - Mid-9:00pm sal-10:00pm: Laqgħa għaż-Żgħażagħ 16+ fil-Kappella tal-Airport<br>u wara nieħdu xi ħaġa flimkien.

7. Il-Ħadd 26/04, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**:**Jintemm VOC EXPLORE**
   - Fit-8:15am: Quddiesa Vokazzjonali bil-preżenza ta' xi Seminaristi

   Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI –**<br>Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (417-il sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
   - Fl-10:00am: Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u tar-raħal tagħna. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 313 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl;
   - € 210 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.